MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 1353/2011

Il-Pulizija

(Spettur Pricilla Caruana)

vs

Charmaine Ellul

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 398075(m):

TALLI FID-19 TA’ NOVEMBRU 2011 ghal habta tal-hdax ta’ filghodu gewwa numru 9 ‘id-Dwjera’, Triq San Karlu, Ghaxaq:

1. bil-hsieb li toqtol lir-ragel taghha Jason Ellul jew li tqieghed il-hajja tieghu f’perikolu car write dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi tat daqqa ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta fil-partijiet vitali tal-gisem tal-imsemmi Jason Ellul, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tal-imputata;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, permezz ta' arma bil-ponta u li taqta, volontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Ellul, liema offiza aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem skond kif iccertifika it-tabib Dr Mary Rose Cassar M.D mill-Isptar Mater Dei;
3. filwaqt li kienet qeghdha taghmel reat kontra l-persuna kellha fuq il-persuna taghha xi arma regolari u ma gabitx prova xort'ohra li kienet qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammet jew garret arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulzija;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

TALLI FIT-18 TA' NOVEMRU 2011 f'xi hin filghaxija gewwa numru 9 'id-Dwejra', Triq San Karlu, Ghaxaq:

6. bil-hsieb li taghmel ferita ta' natura gravi fuq Jason Ellul write dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jason Ellul kif iccertifika Dr.Mario Scerri;

Il-Qorti mitluba b'iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/I offizi, cioe' ir-ragel Jason Ellul u lit-tfal taghhom Aaron, Adrian u Alexander jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghal skop tal-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitalu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema u ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu citati bghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fir-rinviju ghal gudizzju tieghu l-Avukat Generali jirrestringi l-akkuzi minn kif originarjament dedotti fl-att tac-citazzjoni billi jiskarta l-akkuza tal-attentat ta' omicidju u l-attenat ta' ferita gravi u billi ma baqax jinsisti li jinhareg ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata, fil-waqt li zamm ferm l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti fl-att tac-citazzjoni. U dan bir-ragun billi ghandu jirrisulta wisq car mill-provi, illi l-attentat ta' omicidju ma kienx ireggi u lanqas l-attentat ta' ferita gravi li gie superfluw

fid-dawl tal-provi li bhala fatt 'per se' juru li zewgha, l-parti leza, sofra feriti kemm gravi u kemm hfief minn id l-imputata.

Huma dwar dawn il-feriti li din l-Qorti sejra tiddiskuti f'din l-ewwel parti ta' dan il-gudikat. Jibda biex jinghad li m'hemm alkun dubbju li dawn il-feriti, kemm dik gravi u kemm dawk hfief, saru mill-imputata lill-zewgha. Fil-kuntest ta' l-istess ghandu jinghad li li l-ferita gravi, kwalifikabbli bhala tali stante li ippenettrat wahda mill-kavitajiet tal-gisem, giet inflitta fil-gurnata tas-sibt id-19 ta' Novembru 2013 mentri l-feriti hfief kienu ikkagunati lejliet. Il-konsistenza u in natura ta' dawn il-griehi huma ben spiegati fir-rapport tat-tabib Mario Scerri nominat fl-inkjesta u liema relazzjoni tieghu tinsab a folio 75 et seq tal-atti. Minn dan ir-rapport jirrisulta li l-feriti, ta' liema natura kienu, gew maghmula permezz ta' strument bil-ponta b'dawk konstatati hfief li gew maghmula fit-18 ta' Novembru u dawk, anzi dik, klassifikata gravi maghmula l-ghada id-19 ta' Novembru tas-sena 2013. Ukoll mir-rapport tal-espert tekniku esebit folio 39 et seq tal-atti hu deducibbli li l-ferita gravi giet ikkagunata minn mus mentri dawk hfief gew ikkagunati b'imqass. Hu x'hinu l-kaz, pero', m'hemmx dubbju li ntuzat arma irregulari fiz-zewg istanzi u l-Qorti qeghdha sostni fuq hekk anke dwar il-mus stante li mix-xhieda tal-imputata jintqal li kien jintuza bhala utensili tal-kcina.

Fl-ambitu tal-feriti subiti minn zewgha, b'referenza l-aktar ghal dik gravi li ippenettrat kavita' f'gismu u ghal certu hin kienet anki qed tipperikolalu hajtu, l-Qorti, u mhux biss fuq l-iskorta tax-xhieda tal-imputata izda anka fuq xhieda ta' psikjatri u psikologi, hija sodisfatta li dawn huma konsegwenza l-maltrattament li l-imputata kienet qed tigi sottomessa minn zewgha konsistenti dan il-maltrattament partikolarment f'insulti gravi u kontinwi.

Rigward l-istess feriti l-Qorti qieset sija l-perjodu twil taz-zwieg li matulu l-imputata issubit dawn il-maltrattamenti u sija ir-rapporti tal-psikologi u psikjatri u hi tal-fehma li hemm favur taghha l-iskuzanti kontemplata fl-Artikolu 227(c) tal-Kap 9. L-artikolu jipprovdi dawk l-istanzi meta omicidju volontarju hu skuzabbli fosthom meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-innfluwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha; provediment dan li hu applikabbli ghal offizi volontarji fuq il-persuna bl-Artikolu 230(b) tac-citat Kap.

Ikkunsidrat:

Li l-anqas hemm alkun dubbju dwar l-istrumenti uzati mill-imputata biex gew inflitti l-feriti fuq zewgha li jaggravaw l-posizzjoni taghha stante li jirrendu applikabbli l-Artikolu 217 tal-Kap 9, igifieri, mhux bil-fors armi regulari biss izda wkoll l-uzu ta' kull strument li jaqta jew iniggez bhal ma hu l-kaz in ezami.

Qabel pero' ma tittratta oltre fuq dan il-punt l-Qorti ser tghaddi biex titratta l-akkuzi l-ohra dedotti fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali cjoe dawk prospettati taht l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480) u l-kontravenzjoni. Dwar ta' l-ahhar, igifieri l-kontravenzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 u rigward l-ewwel ghall-Artikolu 17(h) tac-citat Kap u tikkonsidra r-reat citat bhala wiehed assorbit. Alternattivament u addirittura, li ma jreggix stante li kemm il-mus u l-imqas qatt ma kienu jew ingarrew barra fond jew fid-dintorni tieghu.

Kollox ma kollox il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm l-iskusanti riskontra, u li l-Qorti qeghdha tirrikonoxxi u tadottata, ma tinnewtralizzax il-piena, mhux izda konsiljabbli wahda ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 216(c), 217, 221(2), 17(b)(d)(h) u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tiddecidi li issib u tiddikjara l-imputata hatja sija tal-feriti gravi u hfief maghmula lill-zewgha waqt li tilliberha

mill-bqija u tikkundannha sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Il-Qorti spiegat lill-imputata ir-responsabbiltajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------